32000R2535

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2535/2000

tas-17 ta' Novembru 2000

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2377/90 li jwaqqaf proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-oġġetti ta' l-ikel u li ġejjin mill-annimali

(Test b' rilevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 2391 li jistabilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif ta' limiti ta' residwi massimi ta' prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali [1], kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2000/1999 [2] u b'mod partikolari Artikoli 6, 7 u 8 dwar dan;

Billi:

(1) B'mod konformi mar-Regolament (KEE) Nru. 2377/90, limiti ta' residwi massimi jridu jiġu stabbiliti progressivament għal kull sustanza farmakoloġikament attiva li hi wżata fil-Komunità fi prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għat-teħid minn annimali li jipproduċu l-ikel;

(2) Limiti ta' residwi massimi għandhom jiġu stabbiliti biss wara eżami mill-Kumitat għal Prodotti Mediċinali Veterinarji ta' kull informazzjoni rilevanti rigward is-sigurtà ta' residwi tas-sustanza konċernata għall-konsumatur ta' oġġetti tal-ikel ta' oriġini mill-annimali u l-impatt ta' residwi fl-ipproċċessar industrijali ta' oġġetti ta' l-ikel.

(3) Fit-twaqqif ta' limiti ta' residwu massimu għal residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' ikel li jiġu mill-annimali, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat l-ispeċi ta' l-annimali li fih residwi jistgħu ikunu preżenti, il-livelli li jistgħu ikunu preżenti f'kull wieħed mit-tessuti tal-laħam rilevanti miksuba mill-annimal trattat (tessut bersalju) u n-natura tar-residwu li hi rilevanti għall-monitoraġġ ta' residwi (residwu markatur);

(4) Għall-kontroll ta' residwi, kif hemm ipprovdut għalih fil-leġislazzjoni xierqa tal-Komunità, limiti ta' residwu massimu għandu jiġi stabbilit għal tessuti bersalji ta' fwied jew kliewi. Madankollu, il-fwied u l-kliewi huma s-soltu imneħħija mill-karkassi fil-moviment fil-kummerċ internazzjonali, u limiti ta' residwu massimu għandhom għalhekk jiġu stabbiliti għat-tessut muskolari u tessuti tal-grass.

(5) Fil- każ ta' prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għall-użu f'għasafar li jbidu, annimali li jagħmlu l-ħalib jew żnażan li jagħmlu l-għasel, limiti ta' residwu massimu jridu jiġu stabbiliti wkoll għall-bajd, ħalib jew għasel;

(6) Prednisolone għandu jiġi mdaħħal f'Anness I tar-Regolament (KEE) Nru. 2377/90;

(7) Perijodu adegwat għandu jiġi permess qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti lill-Istati Membri jagħmlu kull aġġustament meħtieġ li jista' jkun meħtieġ għall-awtorizzazzjonijiet li ġew mogħtija biex jitqiegħdu l-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati fis-suq b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE [3], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 93/40/KEE [4], biex jittieħed rendikont tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(8) Il-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-Kumitat Permanenti fuq prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

Artikolu 1

Anness I tar-Regolament (KEE) Nru. 2377/90 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness hawnhekk.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mis-sittin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p.1.
[2] ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 5.
[3] ĠU L 317, tas-6.11.1981, p. 1.
[4] ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 31.

ANNESS

Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 hu emendat kif ġej:

5. Kortikojdi

5.1. Glukokortikojdi

Sustanza(/i) farmakologikament attiv(/i)	Residwu markatur	Speċi ta' l-annimal	MRLs	Tessut bersal	Dispożizzjonijiet oħra
"*Prednisolone*	*Prednisolone*	Bovini	4 µg/kg 4 µg/kg 10 µg/kg s 10 µg/kg 6 µg/kg	Muskolu Grass Fwied Kliewi Ħalib"	